Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022

P9_TA(2022)0413

In-nonaċċettazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar tal-Federazzjoni Russa maħruġa fl-Ukrajna u l-Georgia

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nonrikonoxximent tad-dokumenti tal-ivvjaġġar Russi maħruġa f'reġjuni barranin okkupati (COM(2022)0662 – C9-0302/2022 – 2022/0274(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)

(2023/C 167/35)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0662),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a) u (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0302/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-16 ta' Novembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt [1];

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2022)0274

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nonaċċettazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar tal-Federazzjoni Russa maħruġa fl-Ukrajna u l-Georgia

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2022/2512.)

---

[1] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-20 ta' Ottubru 2022 (Testi adottati, P9_TA(2022)0370).